# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Nadine Lia B.A., LL.M (Kent)., LL.D**

**Illum, id-9 ta' Lulju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 19/2016**

**Il-Pulizija**
**(Saviour Baldacchino)**
**(Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Keith Joseph Mallia ta' 44 sena, iben Emanuel u Theresa nee' Sciberras, mwieled Attard nhar is-6 ta' Marzu 1971, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 148471M u residenti ġewwa Golden Gennet Triq Dun Ġuzepp Demicoli Għaxaq;

Mario Mallia ta' 17 il-sena, iben Keith u Lucienne xebba Attard, mwieled Pieta nhar is-7 ta' Jannar 1998 u residenti 95, Golden Gannet, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 19998M;

u Clyde Mallia ta' 16 il-sena, iben Keith Joseph u Lucy Anne nee' Attard, mwieled Pieta' nhar it-23 ta' Diċembru 1999, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 439899M u residenti ġewwa Golden Gennet Triq Dun Ġuzepp Demicoli Għaxaq:

Akkuzati talli b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru 1-istess disposizzjoni tal-liġi, u gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u ċioe:

F'diversi okkażżjonijiet matul ix-xahar ta' Ottubru 2015 kif ukoll fi ġranet u/jew xhur ta' qabel: ġewwa *t-tunnel tal-interconnector* li huwa aċċessibbli mill-Imsida, mill-Magħtab u minn St. Andrews u f'dawn il-gżejjer:-

(l) Ikkomettew serq ta' *cables* tal-elettriku għad-detriment tal-Gvem ta' Malta u tal-Kumpanija Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) u bil-ħin - Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267,270,278(3), 279(b), 280(2);

(2) Volontarjament għamlu ħsara fil-makkinarju jew fil-ġumni tal-elettriku, jew ikkaġunaw, it-telf tal-kurrent elettriku: Artikolu 326(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioe:

(3) Talli f'xi ħin bejn it-23 u 29 ta' Ottubru 2015 minn ġewwa l-fabbrika bl-isem Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, Marsa ikkomettew serq ta' *cables* u oġġetti oħra għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intrapriżi oħra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien iżjed minn dak ta' elfejn, tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37): Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) Talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ haddiehor, mobbli jew immobbli liema ħsara kienet iżjed min elfejn u ħames mitt ewro (€2500) għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intrapriżi oħra: Artikolu 325(l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(5) Talli f'xi ħin bejn il-31 ta' Ottubru 2015 u t-3 ta' Novembru 2015 min ġewwa fabbrika bl-isem Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, Marsa ikkomettew serq ta' *cables*, pajpijiet tar-ramm u oġġetti oħra għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intrapriżi oħra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li mhux iżjed minn dak ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a). 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(6) Talli f'xi ħin bejn il-25 ta' Novembru u 2 ta' Dicembru 2015 minn ġewwa fabbrika bl-isem Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, Marsa: ikkomettew serq ta' diversi oġġetti fosthom, Bibien tal-Aluminium, miżien, pjattaforma tal-istainless steel, u wires tar-ramm għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuni jew intrapriżi oħra; liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma kienx iżjed min dak ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37). Artikolu 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(7) Talli nhar it-23 ta' Diċembru 2015 għall-ħabta tal-16:30hrs minn ġewwa fabbrika bl-isem Tender Fresh Food Processing li tinsab fi Triq Giuseppe Garibaldi, Marsa; bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq,

urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt billli aċċedew fl-imsemmi lok, iżda d-delitt ma kienx laħaq ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u dan minħabba li kienu ġew arrestati mill-pulizija u li kieku kien esegwit, is-serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix 1-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.32) għad-dannu ta' Edmund Azzopardi u/jew persuna/i jew intrapriżi oħra (Artikoli 261(b)(c)(f), 263 (a), 264(1), 267, 278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta);

(8) Ukoll talli rrendew ruħhom reċidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 (u fil-każ ta' Clyde Mallia u Keith Joseph Mallia bl-Artikolu 289) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

Lil Mario Mallia waħdu:

(9) Talli wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' Probation mogħtija mill-Qrati ta' Malta mill-Maġistrat Dr. A. Vella LLD nhar il-11 ta' Marzu 2015, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mħassara, mnaqqsa jew mibdula;

Lil Keith Joseph Mallia waħdu:

(10) Talli naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Struttorja (Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD), datat 1-4 ta' Marzu 2013, li permezz tiegħu huwa ngħata 1-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

(11) Talli wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiċa mogħtija mill-Qrati ta' Malta mill-Maġistrat
Dr. Neville Camilleri LLD nhar it-13 ta' Mejju 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassara, mnaqqsa jew mibdula;

(12) Talli wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LLD nhar is-26 ta' Marzu 2014 u liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mħassara, mnaqqsa jew mibdula;

Rat illi matul is-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 1-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma 1-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

[1] Folio 4 tal-atti proċesswali.

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali nhar is-7 ta' April 2017 fejn ippremetta li tista tinstab ħtija tal-imsemmi imputati kif gej:

1. fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-Artikolu 326(c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta;
3. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. fl-Artikolu 325(l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Mario Mallia waħdu:

9. fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Keith Joseph Mallia waħdu :-

10. fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Clyde Mallia waħdu :-

13. fl-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta CM

Rat li matul is-seduta datata s-6 ta' Novembru 2017, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputati separatament jekk kellhomx oġġezzjoni li 1-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati żmien xieraq biex iwieġbu għal din il-mistoqsija, wieġbu li ma' kellhomx oġġezzjoni li 1-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-prożess ai termini tal-Artikolu 370(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali
u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li matul 1-istess seduta 1-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra 1-imputati huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

[2] Folio 532 tal-atti processwali.
[3] Folio 548 tal-atti processwali.

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda prodotti, u wara fliet 1-atti kollha tal-kawza.

***Ikkunsidrat***

Illi nhar is-6 ta' Ottubru 2015, 1-Ispettur Saviour Baldacchino kien ġie nfurmat mill-Uffiċjali tal-Enemalta li kien qed isir xi serq *mit-tunnels tal-interconnector* li huma aċċessibbli mill-Imsida, mill-Magħtab u minn St. Andrews. Huma sabu *1-wires tal-earth* neqsin u dan għal metri twal u anki kilometri. Innutaw ukoll li s-serq kien qed isir b'mod frekwenti u li *t-tunnel* kien qed jiġi aċċessat mill-Imsida senjatament minn *Valley Road.* Kienu anki nnutaw li 1-katnazz għal din 1-entrata kien inbidel u ma setgħux jaċċedu ghaliha. Il-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq is-sit u s-superjuri kkonċernati bdew jimmonitoraw is-sitwazzjoni fejn innutaw ċaqliq fil-katnazz minn ġurnata għall-oħra u nnutaw ukoll li 1-katnazzi tal-entraturi 1-oħra *tal-interconnector* ma kienux mittiefsa fejn minn hemmhekk ikkonkludew li 1-aċċess kien qed isir biss min-naħa tal-Msida.

In vista ta' dan il-Pulizija marru jagħmlu osservazzjonijiet matul il-lejl ħdejn 1-entrata tal-Msida fejn ma kienu osservaw xejn iżda 1-għada ta' din 1-osservazzjoni u ċioe fis-7 t' Ottubru 2015 il-Pulizija li kienu fuq il-post innutaw li kien hemm vann *pick up* aħmar li kien aċċessa 1-blokka tal-Imsida. Sakemm il-Pulizija marru sabiex javviċinawh, il-vann daħal

fuq ġewwa tal-mina u minkejja dan baqa' ma ħariġx.

Sussegwentement madwar sagħtejn wara, *unit* oħra tal-Pulizija nnutaw li r-rixtellu tal-entrata tal-Magħtab kien spalankat, fatt li ma kienx normali u hemmhekk issuspettaw li min daħal b'din il-vettura seta' ħareġ minn hemmhekk. Minn stħarriġ ulterjuri li sar sabu li 1-marka tal-vann kien Isuzu AB ta' lewn aħmar bi *crash bar* partikolari alavolja f'dak 1-istadju 1-Pulizija ma mexxielhomx jidentifikaw min kienu 1-persuni li kienu fih.

In oltre, fid-29 ta' Ottubru 2015 għall-habta tas-l pm, Edmund Azzopardi kien irraporta 1-għassa ta' Hal-Luqa dwar serq li kien qed issir mill-fabbrika tiegħu fi Triq Garibaldi, 1-Marsa. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn irriżulta li kienu ttieħdulu xi *casing* u xi pajpijiet tar-ramm apparti li qalbulu 1-uffiċini. Il-kwerelant stqarr illi 1-valur *tar-res furtiva* u tal-ħsarat kien jeżorbita €30,000 u di piu' żied jgħid illi 1-aħħar li kien ra 1-fabbrika ntatta kien f'Diċembru ta' sena ta' qabel. Biss kien jaf ukoll li sa madwar gimgħa qabel il-kwerela il-post kien intatt.

Sussegwentement il-Pulizija ġew infurmati li kien sar rapport ieħor fit-23 ta' Dicembru 2015 mill-istess kwerelant fejn stqarr li kien reġa safa misruq u kienu nsterqulu diversi oġġetti inkluż mizien kbir, biċċiet tar-ramm, biċċiet tal-ħadid, xi *installations* tal-Arja Kundizzjonata kif ukoll xi *fridges*. Il-Pulizija aċċedew fil-fabbrika dakinhar tat-tieni rapport fejn waqt 1-ispezzjoni li kienet qed issir inqabdu Mario u Clyde Mallia li nstabu fil-pussess ta' biċtejn ramm u li kellhom wkoll xi għodod

fuqhom. Issuspettaw f'dak l-istadju li seta kien hemm terza persuna magħhom u li x'aktarx kellhom xi vann minħabba d-daqs tal-oġġetti li kienu serqu. Infatti filwaqt li Edmund Azzopardi kien qed jagħlaq il-fabbrika in kwistjoni wara l-arrest ta' dawn il-persuni, kien innota li kien hemm persuna oħra fil-fabbrika u nfatti kien informa lill-Pulizija dwar dan. Wara l-Pulizija kienu reġgħu aċċedew fuq il-post wara li ħadu lil Mario u Clyde Mallia d-Depot u li madankollu ma rriżultalhom xejn fil-fabbrika.

Madankollu, minn stħarriġ li għamlu l-Pulizija irriżultalhom li seta' kien hemm missierhom involut u filfatt hu kien ġieli jagħmel użu minn vann Isuzu *pick-up* aħmar tal-istess għamla u bl-istess tip ta' *crash bar* bħal dak li kienu raw dieħel *fl-interconnector* fis-serqa l-oħra, bin-numru ta' reġistrazzjoni JAP986. Kien anki sar xogħol forensiku fejn kienu ġew elevati xi mpronti minn fuq l-għodda li nstabu fejn kien irriżulta qbil mal-impronti ta' Clyde Mallia.

Meta l-imputati ġew mitkellma skont il-liġi applikabbli fiż-żmien meta rrilaxxaw l-istqarrijiet tagħhom, huma prattikament ikkonfermaw l-involviment tagħhom fis-serqiet mertu ta' dan il-każ fejn indikaw ukoll li huma kienu marru kemm *fl-interconnector* kif ukoll fil-fabbrika tal-Marsa f'diversi okkażjonijiet sabiex jisirqu r-ramm apparti oġġetti oħra li setgġu ibiegħu.

***Konsiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi apparti 1-addebitu tar-reċidiva fir-rigward tal-imputati kollha u 1-ksur ta' sentenzi sospiżi u kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat Keith Joseph Mallia kit ukoll il-ksur tal-probation għal dak li jirrigwarda lil Mario Mallia skont kif ipprospettati fl-imputazzjonijiet mressqa kontrihom f'dan il-każ, 1-imputati jinstabu mixlija b'diversi reati ta' serq kif ukoll b'tentattiv ta' serq li kellhom bħala aggravji 1-mezz, il-valur kemm li jeċċedi 1-ammont ta' elfejn tlett mija tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) u kemm jekk le, u f'xi uħud mill-każi ġie kontestat ukoll 1-aggravju tal-ħin.

Id-definizzjoni ta' serq li ġiet segwita fil-ġurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-Carrara li tiġbor fiha 1-elementi kollha tas-serq; jigifier il-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-res furtiva.[4] Infatti skont il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-ġudikabbli jiġi misjub ħati. Dawn 1-elementi huma : -

1. *The contrectatio of a thing;*
2. *belonging to others;*
3. *made fraudulently;*

[4] *'La contrattazione doloza della cosa altruifatta in vito domino con animo di fame lucro.'*

4. *without the consent of the owner;*
5. *animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq kontestati f dan il-każ huma elenkati fl-Artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur u ħin. Dawn qed jissemmew speċifikatament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-imputati u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skont il-Kodiżi Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skont kif senjalati fl-Artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodiċi, jinkludi meta l-ħallelin ikunu libsin għata tal-wiċċ bħal balaklava jew xi tibdil fis-sura tal-ilbies tagħhom u meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex isir aċċess fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skont dak dispost fl-Artikolu 267 u li jirriżulta jekk il-valur tal-oġġett misruq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Finalment għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-ħin skont l-Artikolu 270 is-serq ikun aggravat bil-ħin jekk isir bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx.

Mill-banda l-oħra s-sebgħa akkuża kif miġjuba tikkomprendi t-tentattiv ta' serqa mill-fabbrika Tender Fresh Food Processing, li skont l-Artikolu 41(a) tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta meta l-eżekuzzjoni tad-delitt li jkun daħal fis-seħħ u jkun magħmul bil-ħsieb ta' kumissjoni ta' delitt li jkun, ma jiġix kkunsmat minħabba xi ħaġa indipendenti għar-rieda ta' min qed jikkometti dan it-tentattiv. Sabiex jikkonsisti minn tentattiv il-bidu tal-eżekuzzjoni tal-att kriminuż irid ikun mar oltre l-atti preparatorji, u jrid ikun hemm indikazzjoni ċara mill-fatti tal-każ li jkun li l-eżekuzzjoni tad-delitt irid ikun inbeda mill-ħati. It-tenattiv japplika wkoll meta jkun hemm l-hekk imsejjħa desistenza volontarja li madankollu mhuwiex ix-xenarju li qed jiġi pprospettat f'dan il-każ.

Apparti l-akkużi tas-serq insibu wkoll dawk tal-ħsarat volontarji li ġew allegatament ikkaġunati mill-imputati matul il-kummissjoni tas-serqiet allegatament kommessi minnhom u liema reati huma regolati mill-Artikoli 325 u 326 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat***

Illi jidher mill-istqarrijiet tal-imputati kollha, speċjalment l-ewwel stqarrija rilaxxata minn Keith Joseph Mallia li daħlet f'ħafna dettal illi dawn iċ-ċirkostanzi mhumiex qed jiġu nnegati mill-imputati u essenzjalment jidher li qed jieħdu responsabbilta' għalihom alavolja għal dak li jirrigwarda l-cable tar-ramm mill-mina tai-interconnector, huma jinnegaw li ħadu l-ammont

kollu kif pretiż mill-vittmi li meta kkomputat qabeż ħdax il-kilometru fit-tul b'kollox.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-imputati humiex amissibbli f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew irilaxxati l-istqarrijiet tal-imputati, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputati rrilaxxaw l-istqarrija tagħhom, huma kienu ingħataw id-dritt li jikkonsultaw mal-avukat tal-għażla tagħhom, liema dritt infatti, huma eżerċitaw. Madankollu ma kienu ingħataw l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tagħhom matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[5] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ kważi sentejn wara li l-imputati ġew interrogati.

[5] Fit-28 ta' Novembru 2016.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' ***Christopher Bartolo vs Avukat Generali*** et[6] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

> Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smigħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:
>
> > "...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."
>
> Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smigħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-

[6] Rikors kostituzzjonali 92/16.

interogazzjoni. Għalhekk jidher illi 1-argument tal-intimati illi dan 1-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata 1-possibilita li jkellem avukat qabel 1-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi 1-arrestat ghandu jinghata 1-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt 1-interogazzjoni.

M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt 1-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt 1-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.

In oltre jidher li dan 1-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi nsibu 1-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Claire Farrugia***[7] deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar 1-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien ***Salduz vs Tukrija*** fejn ġie ribadit kostantement illi 1-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt 1-interrogazzjoni u dan apparti r-rappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi

li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra 1-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista'

[7] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija.

Dan kien filfatt il-każ fis-sentenza kontra ***Claire Farrugia*** fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli.

Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[8] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-

[8] Ara s-sentenza fl-ismijiet *Malcolm Said vs Avukat Generali* datata l-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali:

> Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela x' "aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir....
>
> Għalkemm din il-qorti tenunen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni - ghallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm - ilium ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta moghtija dan l-ahhar mill-Qorti Ewropea.
>
> Din il-qorti ghalhekk ilum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.
>
> Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-Qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tal-lum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu flintier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.
>
> Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputati tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġew interrogati, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputati jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrijiet tagħhom fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta dawn l-istess stqarrijiet u ma tqishomx bħala prova f dawn il-proċeduri.

***Ikkunsidrat: -***

Illi stabbilit dan, din il-Qorti pero għandha tara xi provi oħra tressqu quddiemha mill-Prosekuzzjoni li in bazi tagħhom tkun tista' tistabilixxi jekk dawn humiex suffiċjenti waħedhom sabiex iwasslu sal-grad rikjest mill-liġi biex tinstab ħtija fl-imputati.

[9] Ara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta'Malta vs Marti Aiello* datata d-9 ta' Mejju 2017 u *Il-Pulizija vs Aldo Pistella* deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2017.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-serq *tal-cable* mill-interconnector li ġie rapurtat u dokumentat dettaljatament, m'hemm 1-ebda dubbju li dan is-serq kien filfatt qed isir kif deskritt mill-parti leża. Madankollu fid-dawl tal-provi eżebiti u ppreżentati ftit hemm x'jindika li kienu filfatt 1-imputati li kienu responsabbli għal dawn is-serqiet. Jibda biex jingħad illi 1-imputati qatt ma ġew identifikati fuq il-post f'dawk id-drabi meta seħħ 1-allegat serq. L-unika okażżjoni fejn jirriżulta mill-provi li setgħu ġew interċettati tirrigwarda meta aċċedew għall-mina mid-dħul tal-Msida u baqaw għaddejjin bil-vettura li kienet misjuqa mill-imputat Keith Joseph Mallia sakemm ħarġu mill-aċċess tal-Magħtab. Il-fatt li huma baqaw għaddejjin minn aċċess għall-ieħor ma tippruvax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li kienu huma li kkomettew is-serqiet preċedenti imma jikkonferma biss li huma kellhom aċċess illeċitu għal din il-mina wara li biddlu 1-katnazz u li huma fetħu b'faċilita' sabiex daħħlu dakinhar li ġew interċettati. In oltre 1-filmati tas-CCTV li ġew eżebiti u analiżżati, jirreflettu wkoll u biss dik 1-okkażjoni meta saret din 1-intruzjoni, matul liema inċident ma kien sar 1-ebda tentattiv ta' serq jew serq effettiv.

Apparti minn hekk, mill-provi prodotti lanqas ma jirriżulta li min kien f'din il-vettura ġiet effettivament identifikat għajr għal fatt li minn kien qed jagħmel 1-osservazzjonijiet stqarr li kien hemm mill-inqas żewġ persuni fil-vettura in kwistjoni iżda min kienu filfatt ma kienx magħruf f'dan 1-istadju. Kwindi jidher illi rigward is-serq *tal-cable* li ġie kommess

fid-dati preċedenti ta' din l-intruzjoni, ma nġagħbet l-ebda prova oħra għajr għal dak li ddikjaraw l-imputati meta rrilaxxaw l-istqarrijiet tagħhom li kif ġie spjegat preċedenetement, mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Kwindi konsegwentement l-imputati mhux ser jinstabu ħatja ta' din is-serqa.

Konsegwentement ukoll l-imputati mhux ser jinstabu ħatja tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom li tirrigwarda l-ħsarat taħt l-Artikolu 326(c) tal-Kodiċi Kriminali u li huwa attribwit speċifikatament għall-hsarat li ġew inkorsi matul is-serqiet meta tqaċċat il-cable li kien qed jinsteraq.

***Ikkunsidrat***

Illi għal dak li jirrigwarda s-serqiet li saru mill-fond Tender Fresh Food Processing ġewwa l-Marsa, il-Prosekuzzjoni addebitat diversi imputazzjonijiet f'dati differenti u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward tal-ewwel serqa indikata fit-tielet imputazzjoni jirriżulta skont ix-xhieda ta' Edmund Azzopardi li d-delinkwenti kienu sgassaw il-fabbrika sabiex daħħlu fejn kienu serqulu ħafna biċċiet tar-ramm. Skont Azzopardi l-ispiża kemm tal-oġġetti misruqa kif ukoll tal-ħsarat tiskorri t-tletin elf Euro. L-aggravju tal-ħin ma jirriżultax ippruvat fir-rigward ta' din is-serqa peress illi mhux

magħruf eżattament f'liema ħinijiet saret l-intruzjoni u dan peress li l- fabbrika in kwistjoni ma kinitx qed topera f'dawk iż-żminijiet.[10]

F'rapport ieħor magħmul mill-istess kwerelant fit-3 ta' Novembru 2015 saret referenza għall-31 ta' Ottubru 2015 bħala l-aħħar darba li Azzopardi kien aċċeda fil-fabbrika qabel id-data tar-rapport. Hu nnota li nsteraqlu *pipe* tar-ram li kien imqabad ma' kompressur u li kien għadu f'postu fil-31 ta' Ottubru 2015. Jidher li f'dan ir-rigward meta l-Pulizija marru fuq il-post ma rriżultalhom imkien sgassat iżda jidher li kien sar aċċess minn bieb tal-ħadid tal-garaxx peress li ġie nnutat li kien hemm il-firoll imressaq.[11]

It-tielet rapport li huwa rappreżentat fis-sitt imputazzjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 jirreferi għat-30 ta' Novembru 2015 bħala d-data fejn hu kien irritorna l-fabbrika u nnota li kienu reġgħu serquh. Din id-darba l-kwerelant innota li ħadulu xi bibien tal-aluminium ta' cupboard fil-ħajt, bibien tat-*toilets* u tac-*changing rooms*. Innota wkoll li kienu naqsulu miżien *platform* tal-*istainless steel* u x'aktarx aktar ramm. Il-kwerelant ippuntwalizża illi min għadda x'aktarx għadda minn toqba zgħira fil-ħajt ta' faċċata l-fabrika li sservi bħala ventilatur għall-arja u pproċedew sabiex ħarġu minn bieb tal-ħadid fuq wara tal-fabbrika.[12]

---

[10] PIRS a folio 31 tal-atti proċesswali.

[11] PIRS a folio 33 tal-atti proċesswali.

[12] PIRS a folio 35 tal-atti proċesswali.

Finalment ġie pruvat li t-tentattiv ta' serq mill-istess fond li ġie nterrott mill-Pulizija *tal-RIU* meta dwan qabdu lil Clyde u lil Mario Mallia fil-post bl-għodda f'idejhom u b'biċċtejn ramm li x'aktarx kienu għadhom kif qalgħu mill-fabbrika. Jirrizulta wkoll li mal-arrest l-imputati kellhom ħwejjiġhom mimlijin trab u kellhom idejhom sewda faħma bil-ħmieġ. Ġie pruvat ukoll li huma x'aktarx kienu dahlu minn toqba li kien hemm mal-art u li sservi bħala ventilatur għall-fabbrika in kwistjoni.[13]

In oltre minn stħarriġ li sar sussegwentement għal dawn l-arresti u wara li kienu saru eżamijiet komparattivi ai fini tal-impronti diġitali, kienet qablet impronta fuq waħda minn dawn l-għodda mas-sebgħa tan-nofs ta' id ix-xellugija ta' Clyde Mallia.[14]

Illi fid-dawl tal-provi mressqa jidher li għal darb'ohra u għall-istess raġunijiet msemmija fir-rigward tas-serq li kien qed isir mill-*interconnector*, li għal dak li jirrigwarda s-serqiet li ġew ezegwiti, ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi jippruvaw l-involviment tal-imputati u konsegwentement lanqas ma hemm provi li juru li kienu huma li kkaġunaw il-ħsarat riskontrati taħt r-raba u s-sitt imputazzjonijiet.

L-istess pero' ma jistax jingħad għal dak li jirrigwarda t-tentattiv ta' serq formanti l-mertu tas-seba' imputazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti ġiet

[13] PIRS report a folio 37 tal-atti proċesswali.
[14] Rapport tal-espert Joseph Mallia a folio 440 tal-atti proċesswali.

ippruvata mill-Prosekuzzjoni għal dak li jirrigwarda Clyde u Mario Mallia. L-ewwel nett 1-imputati Clyde u Mario Mallia instabu fil-bini tal-fabbrika fejn fil-pussess tagħhom huma kellhom biċċtejn ramm u għodda li jistgħu jintużaw għal dan 1-iskop illeċitu, fuq liema għodda nafu li nstabet 1-impronta ta' Clyde Mallia kif debitament dokumentat fl-atti. In oltre m'hemm 1-ebda dubbju kif ikkonfermat mill-parti leża illi 1-imputati msemmija ma kellhom 1-ebda jedd jew permess li jkunu fil-fond in kwistjoni. Edmund Azzopardi tenna li sakemm il-fabbrika kienet topera hu ma kien qatt rahom fil-fabbrika.

Illi ma ġiex soddisfaċentement pruvat li 1-imputat Keith Joseph Mallia daħal ukoll fil-fond ma wliedu meta kienu qiegħdin jagħmlu dan it-tenattiv ta' serqa. Biss minn dak li xehdu 1-Pulizija f'dan il-każ jidher li kienet ġiet identifikata 1-vettura li kienet qed tintuża minnu f’ dawk iż-żminijiet fl-akkwata tal-fabbrika matul is-serqa u li nfatti instabet fl-istess indirizz fejn kien Keith Joseph Mallia meta ġie arrestat tlett kwarti wara wliedu stess. Minn dak li xehed Edmund Azzopardi, wara 1-arrest ta' Clyde u Mario Mallia, hu kien sema' 1-passi u kien ra d-dell ta' persuna oħra. Grazzi għal din 1-istqarrija, 1-investigaturi kienu rabtu 1-involviment ta' Keith Joseph Mallia ma dan it-tentattiv ukoll u kien filfatt hemmhekk li pproċedew sabiex jarrestawh.

Madankollu fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li 1-preżenza ta' Keith Joseph Mallia fl-akkwata tal-fabbrika in kwistjoni waqt li wliedu kienu qegħdin

jagħmlu dan it-tentattiv ta' serq tista tkun indikattiva tal-fatt li hu kien konxju dwar dak li kien qed jiġri, dan waħdu ma jippruvax sal-grad rikjest 1-involviment tiegħu peress li m'hemmx prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni dwar dan jew li hu filfatt kien jaf x'kienu qegħdin jagħmlu uliedu fil-fabbrika in kwistjoni. Kwindi Keith Joseph Mallia mhux ser jinstab ħati ta' dan it-tentattiv lanqas.

Għal dak li jirrigwarda 1-aggravji attribwiti ma dan it-tentattiv, jidher illi 1-imputati aċċedew minn toqba dejqa li kienet isservi ta' ventilatur fil-fabbrika kif evidenzjat mit-trabijiet konsiderevoli li kellhom fuqhom kif ukoll minn xi grif li kellu fuqu Clyde li setgħu ġew ikkaġunati meta għadda minn din il-ħoffra sabiex jaċċedi għal din il-fabbrika. Kwindi jidher illi 1-kwalifika tal-mezz ta' dan it-tentattiv ġiet ippruvata peress li 1-intrużjoni fil-fabbrika kif deskritta tikklassifika ruħha fid-definizzjoni ta' skalata u dan skont kif definit fl-Artikolu 266 tal-Kodiċi Kriminali.

Fir-rigward tal-aggravju tal-valur filwaqt li tressqet prova minn Edmund Azzopardi dwar dan, jidher li 1-prova li tressqet tirrigwarda prinċipalment dak li nsteraq matul is-serqiet preċedenti fejn filfatt jidher li nsterqu 1-biċċa 1-kbira mill-oġġetti li kien hemm fil-fabbrika kif ukoll ħafna mir-ramm. Issa matul it-tentattiv ġie pruvat li 1-imputati nstabu fil-pussess ta' biċċtejn ramm li bħala daqs ma jidhirx li kien wieħed kbir. In oltre, filwaqt li kellhom 1-għodda u li x'aktarx kien għad hemm biċċiet oħrajn tar-ramm li setgħu jinsterqu, mhuwiex magħruf mill-provi kemm

filfatt seta insteraq aktar. Kwindi din il-Qorti mhix f'posizzjoni li tikkwantifika 1-valur ta' dak li seta' insteraq ulterjorment għal dawk il-biċċtejn ramm li nstab fil-pussess tal-imputati. Għaldaqstant din il-Qorti mijiex f'posizzjoni illi tieħu qies tal-aggravju tal-valur anki peress li mijiex konxja ta' kemm dan jiswa u jekk filfatt dan setax jeżorbita 1-mitejn tnejn u tletin Euro.

***Ikkunsidrat***

Illi jifdal biss issa li din il-Qorti tikkunsidra jekk hemmx prova dwar 1-addebitu tar-reċidiva ta' Clyde u Mario Mallia kif ukoll jekk hemmx il-prova tal-ksur tal-ordni ta' *probation* fil-konfront ta' Mario Mallia.

Illi fl-atti proċesswali, a folio 421, hemm ċitazzjoni li kienet inħarġet fil-konfront ta' Clyde Mallia fejn jidher li fuqha hemm kitba ħafifa li tindika li kien ġie lliberat kondizzjonalment taħt id-dettami tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher ukoll li kien mixli b'serq sempliċi. Hemm ukoll il-fedina penali li tirreferi għal dan 1-istess reat u 1-piena hawn fuq imsemmija fejn jirriżulta wkoll li s-sentenza in kwistjoni ingħatat fis-6 ta' Marzu 2014 filwaqt li 1-att kommess minnu ġie kommess fl-4 ta' Novembru 2013.

Kwindi jidher li 1-imputat Clyde Mallia li ser jinstab ħati b’dan t-tentattiv ta' serq riskontrat fis-seba' akkuza mressqa kontrih, huwa rccidiv ai termini

biss tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali izda mhux taħt 1-Artikolu 50 konsiderando illi 1-liberta' kundizzjonata ma tikkwalifikax bħala kundanna.

Illi rigward Mario Mallia ġiet eżebita ċitazzjoni a folio 423 fejn jidher li kien instab ħati u dan permezz ta' kitba ħafifa fuq 1-istess ċitazzjoni li tindika 1-applikazzjoni ta' ordni ta' Probation skont id-dettami tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Anki f'dan ir-rigward il-fedina penali tal-istess imputat a folio 28 tal-atti proċesswali tikkonferma din il-kundanna. Jidher madankollu li 1-kundanna li kellu Mario Mallia tirrigwarda 1-ksur ta' regolament tal-kaċċa li skont id-dettami tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Kriminali ma jikkwalifikax ai fini tal-Artikolu 50 u kwindi ma jistax ikollu awment fil-piena ai fini tal-addebitu tar-reċidiva. Issa din 1-ordni ngħatat fil-konfront ta' Mario Mallia nhar il-11 ta' Marzu 2015 għall-perijodu ta' tlett snin. Kwindi jidher illi r-reat li bih ser jinstab ħati ġie kommess entro t-tlett snin tal-ordni tal-probation imposta fuqu u kwindi għal dak li jirrigwarda 1-ksur ta' din 1-ordni din tirriżulta ppruvata.

## *Decide*

Illi wara li rat 1-artikoli indikati mill-Avukat Generali u senjatament 1-artikoli:

1. fl-Artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-Artikolu 326(ċ) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. fl-Artikolu 325(l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 267, 270, 278(2)(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 532A. u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Fil-konfront ta' Mario Mallia waħdu :-

9. fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Keith Joseph Mallia waħdu :-

10. fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Clyde Mallia waħdu :-

13. fl-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[15]

il-Qorti qiegħda ssib:

lil **Keith Joseph Mallia** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Issib lil **Mario Mallia** ħati tas-seba u tad-disa' imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u filwaqt li tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet, tikkundannah għal piena ta’ disa’ xhur priġunerija.

Issib lil **Clyde Mallia** ħati tas-seba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva skont l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali kif rifless fit-tmien imputazzjoni miġjuba filwaqt li tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tikkundannah għall-piena ta' sitt xhur priġunerija.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti tordna wkoll il-ħlas tal-ispejjez peritali inkorsi matul dawn il-proċeduri relatati mat-tentattiv ta' serq fis-seba' imputazzjoni ammontanti għal sitt mija wieħed u

[15] Folio 532 tal-atti processwali.

għoxrin Euro u disgħa u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€621.47) liema somma għandha titqassam bejn 1-imputati.

Il-Qorti għaddiet biex tfisser lill-imputati 1-import u 1-obbligi tagħha naxxenti minn din is-sentenza u ser tgħaddi biex tikkonferma jekk fehmux 1-ispjega tal-Qorti dwarhom.

***Moghtija ilium id-9 ta' Lulju 2019 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Nadine Lia***

***Magistrat***